# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 22 ta' Settembru 2016**

**Rikors Numru: 140/2015 CSH**

**James Zammit**

**vs**

**Blue Sea Malta Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-attur pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Mejju 2015 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro (€11,646) rapprezentanti hsara fuq il-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni DBL 434 tat-tip BMW liema hsara sehhet f'incident li sehh fil-lejl ta' bejn il-hdax (11) u tnax (12) ta' Marzu 2015.

Rat ir-risposta pprezentata mis-socjeta' intimata Blue Sea Limited fid-9 ta' Gunju, 2015 fejn eccepiet:

1. *"Illi s-socjeta' intimata m'ghandhiex tigi kundannata thallas ebda ammont lill-attur stante illi hija m'hijiex responsabbli ghall-incident li sehh fil-lejl ta' bejn il-hdax u t-tnax ta' Marzu 2015;*

2. *Illi kwalunkwe danni jridu jigu ppruvati;*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' rikorrenti."*

L-attur **James Zammit** xehed fil-11 ta' Novembru, 2015 u ddikjara li f'dik l-ghodwa tal-incident, cioe' fit-12 ta' Marzu 2015, il-mara tieghu kellha ssiefer. Qal li huma jghixu gewwa Triq San Gorg, San Giljan u kienu se jitilqu minn hemm biex imorru lejn l-ajruport, pero' appena hargu mid-dar innutaw illi l-vettura taghhom bin-numru ta' registrazzjoni DBR434 tal-ghamla BMW kellha hsara estensiva, fis-sens li kellha s-saqaf taghha sfrundat. Qal illi l-karozza kienet ipparkjata ma' genb lukanda li hija operata mis-socjeta' Bluesea Malta Ltd, naturalment mal-bankina. Il-lukanda jisimha St. George's Park. Qal illi huwa kien ipparkja din il-vettura hemmhekk lejliet, cioe' fil-11 ta' Marzu 2015 ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl u l-ghada filghodu sabha b'din il-hsara. Spjega illi l-*insurance* tal-lukanda u cioe' is-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance, kienu baghtu *surveyor* u dan wara li kienu fethu *claim*. Is-surveyor qal illi l-vettura kienet *beyond economical repair,* pero' kopja ta' dan is-*survey report* m'ghandux. Is-surveyor li mar fuq il-post kien jismu Mark Micallef.

Zied jispjega illi ma' genb il-karozza tieghu dakinhar kien hemm qasrija mimlija bil-hamrija. Din kienet gholja xi zewg piedi u wiesa' l-istess daqs u minn verifiki li ghamel sab li din il-qasrija effettivament kienet tappartjeni lil-lukanda St. George's Park w kienet tintuza' bhala *decoration*. Kompla li effettivament fuq is-saqaf ta' din il-vettura hemm marka li tikkorrispondi mal-bazi ta' din l-istess qasrija. Inoltre qal li kien hemm ukoll *artificial gravel* ta' l-istess qasrija fil-karozza taghhom u fil-madwar u ghalhekk ikkonkluda li kienet din l-istess qasrija li ghamlet il-hsara li huwa rriskontra fil-vettura tieghu.

Ix-xhud qal li huwa kien tkellem mal-cleaners tal-lukanda u kien nizel ukoll il-*manager* li kkonferma li kienet din il-qasrija li kkagunat il-hsara. Huwa zied li skond l-intensita' tal-hsara li kien hemm fis-saqaf tal-vettura, huwa probabbli li din il-qasrija twaddbet mill-gholi. Qal illi filfatt il-lukanda in kwistjoni hija gholja tmien sulari w filwaqt li fis-sitt sular hemm gallarija, fis-sulari l-ohrajn hemm twieqi. Qal li meta tkellem mal-*cleaners*, dawn qalulu li filfatt kien hemm qasrija li kienet nieqsa mis-sitt sular, fejn kien hemm il-gallarija.

Inoltre qal li kien tkellem ukoll mal-pulizija mill-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, li marru fuq il-post u dawn ghamlu l-verifiki taghhom mal-lukanda. Ipprometta li jezebixxi l-kopja tal-okkorrenza relattiva. Il-pulizija qalulu li l-*video cameras* tal-lukanda ma gibdu xejn u li ma nqabad hadd. Stqarr li ma kienx kon-partecipi mal-verifiki tal-pulizija u s-*CCTV footage* ma rahx.

Imbaghad spjega li una volta kien irrizulta mis-*survey* li sab li l-karozza tieghu kienet *beyond economical repair,* kien gie infurmat illi l-lukanda kienet irtirat il-*claim* li kienet ghamlet mal-Atlas u ma haditx responsabilta' ta' dan l-incident. Sostna li l-valur tal-vettura fid-data tal-incident, skont il-*book value* li nghatalu mill-*insurance* kien ta' €12,500 (tnax-il elf u hames mitt Ewro). Qal li l-vettura ghadha fl-istess stat, fis-sens li ma ssewwietx.

Ftakar li dak il-lejl il-mara kienet qaltlu li kienet semghet hoss, pero' ma hargux jittawwlu, imbaghad zied li l-qasrija in kwistjoni kienet wahda tqila pero' huwa fl-ebda hin ma pprova jcaqlaqha. Tenna li kienu l-*cleaners* li qalulu li kien hemm qasrija nieqsa mis-sitt sular.

Din il-vettura kienet koperta b'polza *third party*.

Mistoqsi jekk apparti dan l-incident, kellhomx diffikultajiet ohrajn mal-lukanda qal li filfatt din il-lukanda ghandha storja ta' incidenti, ghalkemm mhux necessarjament bhal dan. Ix-xhud qal li ilu jghix hemmhekk hames snin u l-incidenti li nqalghu sehhew minhabba l-kwalita' tal-mistiedna li jkollha l-

lukanda. Kompla li fil-maggor parti dawn ikunu ta' eta' zghira w ghalhekk iz-zghazagh jidhlu tard minn Paceville u gieli kien hemm incidenti serji wkoll. Irrakkonta li darba minnhom per ezempju kien hemm zaghzugh li pprova jaqbez minn gallarija ghal ohra, u dan waqa' u miet. Qal li darba ohra hu stess kien cempel il-lukanda ghax kien hemm xi zghazagh iwaddbu t-*televisions* u s-saqqijiet 'il barra w kienu marru l-pulizija u arrestawhom. Ghalhekk sostna li gieli kien hemm okkazjonijiet meta zghazagh jidhlu xurbana u jaqalghu l-inkwiet.

Illi fl-1 ta' Marzu 2016 rega' xehed l-attur **James Zammit** u esebixxa sett ritratti li jindikaw l-incident li sehh dakinhar fuq il-vettura tieghu BMW sewda DBR 434. Dawn gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument Z.

Illi fil-11 ta' Novembru, 2015 xehdet **Marcelle Zammit**, mart James Zammit. Ikkonfermat li dakinhar tat-12 ta' Marzu 2015 riedet tmur l-ajruport u r-ragel kien se jwassalha bil-vettura taghhom bin-numru tar-registrazzoni DBR434 tat-tip BMW. Sostniet li l-vettura taghhom kienet ipparkjata magenb lukanda maghrufa bhala St George's Hotel, f'Paceville. Qalet li dakinhar filghodu nnutat li l-vettura taghhom kienet mghaffga minn wara fuq is-saqaf taghha u spjegat li magenb il-karozza kien hemm qasrija tat-terracotta mimlija. Sostniet li d-daqs ta' din il-qasrija kien tali li fiha tista' tpoggi sigra ta' certu daqs, bhal palma. Ix-xhud qalet li kemm is-*security* kif ukoll il-*maids* tal-lukanda qalulhom li l-qasrija kienet tal-lukanda. Kompliet tghid li l-unika gallarija li hemm fuq il-karozza kienet sitt sulari 'l fuq u hija proprjeta' tal-lukanda u li apparti l-gallarija hemm xi twieqi. Skont hi l-qasrija kienet tqila wisq biex setghet titwaddab mit-twieqi. Ix-xhud qalet li dakinhar kellha titlaq minn fuq il-post permezz tal-Ecabs u minn hemm 'il quddiem ha hsieb ir-ragel taghha.

Ix-xhud iddikjarat li ilhom jghixu fil-vicinanzi ghal dawn l-ahhar tlett snin, erbgha w li gieli kienet tkun hi stess li ccempel il-lukanda biex tavzahom li kien hemm xi mistiedna li waddbu televisions 'il barra mil-lukanda. Semmiet okkazjoni ohra fejn kien hemm xi guvintur li ppruvaw japprofittaw ruhhom minn

tfajla u hi kienet gibdet il-*video* u ghaddietu lis-*security*. Hija kkonfermat li kienet prezenti meta zewgha tkellem mal-*maids* tal-lukanda u li dawn qalulhom li l-*qasrija* kienet taghhom u qalulha '*hawnhekk hekk ikun hawn'*. Qalulha illi l-qasrija kienet giet mehuda mill-kurituri tal-lukanda.

Fl-20 ta' Jannar, 2016 xehed **PS 845 Ian Vella** illi qal li fit-12 ta' Marzu tas-sena 2015 waqt li kien stazzjonat fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan, ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghodu, kien gie nfurmat minn James Zammit illi appena mar biex juza l-vettura tieghu tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni DBL 434 li kienet ipparkjata vicin St George's Hotel, Paceville, kien sab li din kellha xi hsara konsistenti fi hsara fis-saqaf taghha, fil-*windscreen* ta' wara u d-dwal ta' wara u zewg *mudguards*. Ghalhekk telgha fuq il-post u ra li effettivament verament kien hemm hsara w inoltre ra li vicin tal-vettura kien hemm qasrija ta' kulur kannella mkissra. Sussegwentement kien kellem lil Paul Stewart li huwa l-General Manager ta' Bluesea Resort u talbu biex jghaddilu l-kameras li kien hemm fil-vicinanzi. Dan qallu li kien ha jaghmel kuntatt mal-IT ghaliex ma kienx jaf kif tinhadem.

Zied li xi jiem wara rega' mar jitkellem mal-*head of security* tal-istess Resort. Dan qallu li tal-IT kienu nfurmawh illi l-kameras, kemm dawk ta' gewwa kif ukoll dawk li kienu fuq in-naha ta' barra, ma kinux utli ghal tali investigazzjoni. Spjega li l-hsara in kwistjoni kienet wahda estensiva. Qal li fir-resort in kwistjoni kien hemm ukoll qsari simili ghal dik li kienet imkissra fuq in-naha ta' barra. Il-qasrija in kwistjoni kienet ma' genb il-BMW u kienet imkissra. Ix-xhud qal li ghalkemm kellhom diversi rapporti fi Bluesea Resort, pero' kienu ta' natura differenti mhux ta' hsara.

Illi fit-13 ta' April 2016 xehed **Mark Micallef** ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici Atlas Insurance. Gie mitlub sabiex jesebixxi kopja ta' *survey report* li saret fuq il-vettura b'numru ta' registrazzjoni DBR 434 fis-sena 2015 wara incident li sehh fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Marzu gewwa St. George's Park, St. Julians. Huwa pprezenta dan is-*survey* li gie mmarkat mill-

Qorti bhala Dokument MM u mieghu hemm ukoll numru ta' ritratti. Spjega li l-valur in kwistjoni kien €9,299.32 u kienet *write off*.

Illi fl-4 ta' Mejju 2016 rega' xehed **Mark Micallef** in kontro-ezami u spjega li huwa minnu li s-*survey* sar fis-sena 2015. Spjega li effettivament kien ra l-vettura ftit jiem wara li sehh l-incident. Huwa minnu li l-BMW in kwistjoni ghandha annu ta' manifattura 2007. Mistoqsi jekk hux minnu li una volta karozza jkollha aktar minn hames snin il-*parts* jigu ordnati *second hand* spjega illi kollox jiddependi mill-kundizzjoni tal-vettura. F'dan il-kaz kien hemm hafna pjanci strutturali li ma setghux jintuzaw *second hand*. Huwa minnu li l-*parts* indikati f'dan is-*survey report* huma ndikati bhala godda.

Illi fl-4 ta' Mejju 2016 xehed **Edgar Farrugia** u spjega li huwa jahdem bhala *manager* mas-socjeta' konvenuta. Il-qasrija inkwistjoni mertu tal-kawza hija proprjeta' tal-lukanda u spjega illi internament kienu ghamlu investigazzjoni dwar din il-qasrija. Jiftakar li kienu marru l-pulizija biex jaghmlu investigazzjoni dwar dan l-incident u meta staqsewh certi domandi fejn kienet din il-qasrija huwa kien infurmahom illi l-qasrija inkwistjoni waqghat mit-tieni sular. Anzi spjega illi originarjament din il-qasrija kellha post taghha fit-tmien sular f'gallarija. Spjega li kienet wara bieb u tahtha kien hemm gallarija u in segwitu meta nizlu fis-sulari l-qasrija inkwistjoni kienet *level eight*. Meta nizlu *level seven* ma kien hemm l-ebda tracci u f'*level seven* kien hemm gallarija tonda. Nizlu fis-sular ta' tahtha u sabu xi bicciet ta' *expanding clay*. L-*expandable clay* sabha mal-hogor tat-tieqa. Huwa l-incident ma rahx isehh u kif spiccat il-qasrija fuq il-karozza BMW ma jistax jghid.

Rat l-affidavit ta' ta' **Louis Tabone** pprezentat fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2016 fejn jikkonferma illi hu direttur tas-socjeta' Blue Sea Malta Ltd. Din il-kumpanija tikri u topera l-lukanda St George's Park Hotel li tinsab fiz-zona maghrufa bhala St. George's Park gewwa Paceville f'San Giljan.

Fit-12 ta' Marzu tas-sena 2015, f'xi d-disgha ta' filghodu, meta kien ghadu jasal l-ufficcju kien gie infurmat illi karozza tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni DBR 434 kienet soffriet hsarat estensivi minn qasrija li jidher illi kienet intefghet mill-lukanda. Il-vettura ma kinitx fil-limiti tal-proprjeta' tal-lukanda imma fil-vicinanzi immedjati taghha u fiz-zona ta' St George's Park.

Huwa mar hdejn il-vettura u nnota il-hsarat fuqha. Li kien ra stramb kien kif il-qasrija innifisha illi kienet hdejn il-vettura ma tantx sofriet hsarat u hafna mill-hamrija kienet ghadha gol-qasrija. Huwa esebixxa numru ta' ritratti mmarkati bhala Dok. LT1 - LT4 li juru dak li kien ra dakinhar.

Il-lukanda St George's Park ghandha erba' mija u hamsa u ghoxrin (425) kamra. L-oghli taghha huwa ta' sitt sulari u hemm zewg sulari taht il-livell tat-triq (b'kollox tmien sulari).

Huwa kien gie infurmat mill-'*cleaners*' tal-lukanda illi l-qasrija kienet fuq gewwa fit-tmien sular. Illi kif jidher mir-ritratt anness u mmarkat Dok. LT5 huma eskludew illi din intefghet mit-tmien jew mis-seba' sular u dan peress illi fis-sitt sular hemm gallarija hierga 'l barra (immarkata b'cirku fuq ir-ritratt) mhux hazin u kieku intefghet mit-tmien jew mis-seba' sular il-qasrija kienet tispicca f'din il-gallarija. Kienu nstabu wkoll tracci ta' hamrija fit-tmien sular fil-kuritur illi juri illi l-qasrija kienet tmexxiet minn hemm. Dan allura jfisser illi min tefa' l-qasrija ma kienx b'incident izda kien att malizjuz. Il-post fejn kienet il-vettura fid-data meta sehh dan l-incident qed jigi mmarkat bl'ittra X fuq ir-ritratt Dok. LT5.

Bhala lukanda ma setghux jipprevedu dan l-incident u qatt ma kellhom dan it-tip ta' vandalizmu fil-lukanda. Dakinhar tal-incident kien hemm ukoll '*security guard*'.

Rat in-nota ta' sottomissjoniet tas-socjeta' konvenuta kif prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-11 ta' Lulju 2016 (fol. 52).

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2016 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq il-provi mismugha.

**Ikkunsidrat:**

Illi bhala fatti ma jidhirx li dawn huma kkontestati u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi nhar il-11 ta' Marzu 2015 l-attur kien ipparkja il-vettura tieghu tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni DBR 434 vicin il-lukanda St George's Park, San Giljan.
2. L-ghada filghodu kif rapportat fl-okkorrenza tal-pulizija esebita a fol 6 tal-atti l-attur sab il-vettura tieghu kellha hafna hsarat fuq is-saqaf taghha u postijiet ohra kif indikati fl-istess okkorrenza.
3. Fil-madwar u fuq din il-vettura kien hemm hafna hamrija u fuq is-saqaf tal-vettura kien hemm marka tal-bazi ta' qasrija proprjeta' tas-socjeta' konvenuta.
4. Illi l-attur ghamel xi investigazzjonijiet preliminari u rrizulta li l-hsarat li kien hemm fuq din il-vettura gew kagunati permezz ta' tfiegh ta' din l-istess qasrija li originarjament kienet tinstab fit-tmien sular tal-lukanda.
5. Illi mhux kontestat li d-danni huma kbar tant li s-surveyor mibghut mis-socjeta' assikuratrici Atlas u cioe' certu Mark Micallef iddeskriva il-vettura bhala '*write off*'.
6. Illi l-attur talab lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat pero' baqghet inadempjenti u dan ghaliex thoss li una volta min ikkaguna din il-hsara mexa b'mod doluz hija m'ghandhiex tkun responsabbli ghan-nuqqas kriminali tieghu ta' hsara volontarja.
7. Illi s-socjeta' konvenuta issostni ukoll fit-tieni lok u bla pregudizzju ghat-twemmin taghha li m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghal agir doluz ta' terz, li ma hemmx ghalfejn li parts tal-vettura ikunu godda fit-tiswija ghaliex

efettivament il-vettura proprjeta' ta' l-attur ghandha sena ta' manifattura 2007 u ghalhekk ghandha aktar minn hames snin.

Illi jigi rilevat minnufih illi minkejja illi fir-rikors promotur tar-rikorrenti il-vettura tat-tip BMW giet indikata bin-numru ta' registrazzjoni DBL 434, in-numru effettivament kellu jinqara DBR 434 kif jirrizulta mir-ritratti esebiti mill-attur stess immarkati bhala Dok Z a fol 33 tal-process.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet '**Salem Nuri Razzewi v. Il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici', Appell Civili Nru. 55/89** pronuncjata fis- 27 ta' Frar 2004, l-Artikolu 175(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta:

" *jidher li ghandu l-iskop li jissalvagwardja l-validità ta'l-atti gudizzjarji u b'hekk jwarrab il-possibilità ta' moltiplikazzjoni ta' proceduri minhabba dikjarazzjoni tan-nullità ta' dawk l-atti. Jidher ukoll li, b'dan l-artikolu, il-legislatur ta poteri wisghin hafna lill-qrati billi l-artikolu jikkontempla kull tip ta' tibdil jew sostituzzjoni fl-att*[1]*. Din id-diskrezzjoni, in oltre, tista' tigi ezercitata minghajr il-htiega li tinstema' l-parti kuntrarja jekk il-Qorti thoss li tali intervent ma jkunx la mehtieg u lanqas necessarju. L-unika kwalifika li jimponi l-artikolu citat hija dik li kull 'sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza*"[2].

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jehtieg li ssir korrezzjoni fin-numru tar-registrazzjoni tal-vettura kif indikat mill-attur fir-rikors promotur tieghu fis-sens illi dan ghandu jinqara DBR 434 u dan peress illi certament ma tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni istitwita mill-istess attur kontra s-socjetà konvenuta li hi u tibqa' azzjoni ghall-hlas ta' danni.

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti
[2] Sottolinear ta' din il-Qorti

Illi s-socjeta' konvenuta hija tal-fehma li hija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghal dan l-incident u dan ghaliex m'ghandhiex tkun responsabbli ghall-ghemil ta' haddiehor. Fil-fatt ticcita l-**Artikolu 1042 tal-Kapitolu 16** li jipprovdi s-segwenti:

"*Jekk issir xi hsara bil-waqgha ta' haga imdendla jew imqieghda f'qaghda ta' perikolu, inkella ta' tfiegh jew xhit ta' xi haga minn bini, id-detentur ta' dak il-bini,* ***meta huwa nnifsu ma jkunx ghamel il-fatt u ma jkun bl-ebda mod ha sehem fih ma jwegibx ghal-hsara****, hlief sa fejn id-disposizjonijiet ta' dan it-Titolu dwar ir-responsabilita ta' persuna ghall-hsara maghmula minn ohra jkunu jghoddu ghalih."* (enfasi tal-avukat tas-socjeta' konvenuta).

Illi f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta hija tal-fehma li l-attur ma pprovax in-nuqqas tas-socjeta' konvenuta u ghalhekk m 'ghandhiex tinzamm responsabbli. L-istess avukat difensur ghamlet ukoll referenza ghall-Artikolu 1032 tal-Kapitolu 16 li tqis fi htija persuna li bl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.

Minn naha l-ohra l-avukat difensur ta' l-attur isostni li l-incident sehh minn gewwa lukanda u cioe' ghaliex xi hadd li kellu access ghal din il-lukanda qabad qasrija minn gewwa u din spiccat fuq il-vettura ta' l-attur. Huwa isostni li s-socjeta' konvenuta ghandha tinzamm responsabbli stante li hija tiggestixxi din l-istess lukanda u ghalhekk hija responsabbli ghall-operat taghha u dak kollu li jsir go fiha u mill-mistiedna taghha. Sostna li l-mistiedna tal-lukanda huma l-inkwilini tal-lukanda u ghalhekk l-operatur tal-lukanda ghandha tinzamm responsabbli.

**Ikkunsidrat ulterjorment.**

Ir-rikorrenti qed jibbaza il-pretensjonjiet tieghu fuq il-htija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti

ghal-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-attur jallega li gie lilu kawzat. Fuq l-attur jintefa l-oneru li jippruva in-nexus bejn l-agir tas-socjeta' konvenuta u d-dannu minnu soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe**, PA 03/07/2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (art. 1030 Kodici Civili). Dan il-qies insibuh fl-artikolu 1032(1) fejn il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.

Armata b'dawn il-principji, l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-attur kienux ir-rizultat ta' persuna li ma agixxietx bhala pater bonus familia. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mill-fatti ghalkemm l-entita taghhom tigi diskussa fi stadju ulterjuri. Li dawn il-hsarat sehhew meta spiccat qasrija proprjeta' tas-socjeta' konvenuta fuq il-vettura tal-attur hu wkoll indiskuss. Pero' l-attur ma jistghax jieqaf hawn. Irid jippruva illi l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tas-socjeta' konvenuta jew persuni mqabbda minnhom.

Il-gurisprudenza tghallimna illi "*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli*" (**Emanuel Ciantar vs David Curmi et** PA 28/03/2003).

Intqal ukoll, a propositu, li "*Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu jrid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu*", **Mifsud vs Camilleri**, deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' Dicembru, 2004.

**Danni**

Il-principju generali regolanti materja ta' risariament ta' danni, kompriz id-deprezzament, hi di regola li d-danneggat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li jirreintegra l-patrimonju tieghu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuz u ghalhekk f'kaz ta' rizarcement *par equivalens* ghandu jikkonsisti f'somma li tekwipara l-valur tal-utilitajiet mitlufa (ara **Michael Camilleri vs Joseph Saliba**, PA 28/03/2003).

Mill-banda l-ohra d-danneggat ghandu d-dover li jaghmel dak kollu ragonevoli biex inaqqas il-hsara u jimmitiga t-telf li jkun garrab bhala konsegwenza tal-fatt illecitu ta' min ikun ikkaguna l-hsara (ara **Maria Xuereb et vs TBS Services Limited**, App. Inf. 20/10/2003). Din il-Qorti izzid illi d-danneggat ma ghandux jipprofitta ruhu mis-sitwazzjoni biex jaghmel gdid dak li kien gia qadim, malandat jew mhux perfett jew fejn id-dannu hu zghir hafna u mhux ser inaqqas mill-integrita fizika w estetika tal-oggett li jgarrab il-hsara salv ovvjament li f'kazijiet kongrui jinghata semmai kumpens ghal deprezzament.

Illi jinghad pero' li sabiex din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel tajjeb ghad-danni soferti mill-attur trid tkun ukoll sodisfatta li kienet hi stess li kkagunat id-danni lill-attur.

Jinghad ghalhekk li huwa ta importanza li din il-Qorti tezamina l-okkorrenza esebita fi-process mehuda minn PS 845 Ian Vella u dan ghaliex minn ezami tal-istess jirrizulta dak li l-attur kien irraporta *a tempo vergine* tal-investigazzjoni.

Jirrizulta li effettivament nhar it-12 ta' Marzu 2015 kien irraporta l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan li xi hadd mhux maghruf kien tefa' qasrija minn St George's Park ta' San Giljan u ghamillu hsara. Il-Pulizija marru fuq l-post indikat lilhom u nnotaw li ma' genb l-vettura tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni DBR 434 li kienet ipparkjata sew taht gallerija zghira tal-imsemmi hotel kien hemm qasrija ta' kulur kannella imkissra. Jirrizulta wkoll li l-pulizija tkellmu mal-attur u dan qalilhom li ma kellu suspett f'hadd partikolari. Il-Pulizija tkellmu mal-general manager tal-lukanda Paul Steward li kellu jara l-cameras.

Jirrizulta li effettivament ma deher xejn mill-kameras u ghalhekk l-istess manager ma indika lil hadd li setgha tefa' din il-qasrija. Dan pero' ut sic ma jfissirx li s-socjeta' konvenuta hija ghalhekk responsabbli ghal dak li sehh. Ma kien hemm l-ebda nuqqas kontributorju minn naha taghha ghal dan l-incident illi sehh b'mod volontarju. Huwa impossibbli li qasrija ta' dak id-daqs kif muri fir-ritratti ittir izda bil-fors li kien hemm persuna li qabad il-qasrija u tefaghha ghal isfel b'mod doluz.

Kien ghalhekk d-dover tal-pulizija esekuttiva li tinvestgia ulterjorment dan ir-reat ta' hsara volontarja u tressaq lil min ikkaguna tali hsara lill-Qorti sabiex jiffaccja akkuzi kriminali. Dan pero' ma sehhx. Lanqas ma jirrizulta mill-atti li kien hemm xi rikjesta minn naha tal-attur lejn is-socjeta' konvenuta sabiex tindikalha min kienu ir-residenti fil-lukanda sabiex dawn jigu investigati.

Ghalhekk jekk il-Qorti tqis dak li jipprovdi l-Artikolu 1042 citat mill-istess socjeta' konvenuta irid jirrizulta li l-persuna li ghandha twiegeb ghat-talba attrici kellha hi stess tkun partecipi *fil-fatt li sehh u f'kaz li ma jkunx ghamel il-fatt u ma jkun bl-ebda mod ha sehem fih ma jwegibx ghall-hsara.*

Ghalhekk kif tajjeb osservat is-socjeta' konvenuta, dan ifisser li ma hemmx responsabilita' awtomatika ghal fatt biss li instabet qasrija fuq il-vettura tal-attur meta din il-qasrija kienet proprjeta' tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt fil-kwadru ta' dan l-artikolu is-socjeta' konvenuta ghandha ukoll id-dritt li tfittex il-persuna li

kisritilha il-qasrija. Ghalhekk l-attur kellu jinvestiga ulterjorment u jara min effettivament kien responsabbli ghal dan in-nuqqas. Ma hux bizzejjed li l-attur jipprova li effettivament il-qasrija kienet fil-lukanda qabel ma nstabet fuq il-vettura u sussegwentement fit-triq, kellu jipprova ukoll kif effettivament spiccat fejn spiccat. Din mhix kwistjoni li effettivament is-socjeta' konvenuta mxiet b'xi mod negligenti bhal per ezempju poggiet il-qasrija fuq xi xifer u ma rabtithiex u giet buffura rih u tajret il-qasrija. Jew addirittura per esempju is-socjeta' konvenuta kienet qed ittella l-qasrija fis-sitt sular u hija u tpoggi il-qasrija fuq il-gallerija waqghatilha ghax ma zammithiex sew. F'dawn iz-zewg istanzi jista' ikun hemm xi negilgenza da parti tas-socjeta' konvenuta.

Ghalhekk fic-cirkostanzi odjerni il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-hsarat sofferti mill-attur.

**Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta qieghda tichad it-talba attrici.**

**Tordna ukoll li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-istess attur.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**